

# il-hajja ta' kristu gesu'

17. GESU' JFEJJAQ LIL BIN UFFICJAL

GV 4:43-54

Kull min kien jghix fil-Galillea, kien jixtieq jara min kien Gesu'. Semghu bil-miraklu li kien wettaq f'Kana, fejn biddel l-ilma f'imbid u anke bit-taghlim tieghu u l-mirakli li wettaq f'Gerusalemm matul il-Festa ta' l-Ghid. Meta in-nies tal-Galilea semghu li Gesu' kien fil-qrib kienu herqana jiltaqghu mieghu.



Imma kien hemm ragel li ma felahx jistenna li Gesu' jghaddi mill-Galilea. Dan kien jghix f'Kafarnaw, belt li kienet mibnija fuq ix-xtut tal-Galilea. Kien wiehed mill-ufficjali tal-belt.

Gara li t-tifel tieghu kien marid b'deni qawwi hafna u t-tobba ma setghux isibu irkaptu taghha. Meta sema' b'Gesu' iddecida li jmur ifittex lil dan il-profeta il-kbir biex jitolbu jinzel ghandu ghax ibnu wasal fl-ahhar.

Gesu qallu: "Jekk ma tarawx sinjali u ghegubijiet ma temmnux! "

L-Ufficjal kompla jinsisti: "Inzel Mulej qabel ma jmutli t-tifel."

Gesu' x'hin rah hekk persistenti qallu: " Mur ibnek haj. "

Ir-ragel emmen il-kelma li qallu Gesu' u telaq. Huwa hu niezel iltaqghu mieghu l-qaddejja tieghu u qalulu li ibnu ma mietx izda fieq. Hu staqsihom x'hin kien meta beda jaqleb ghall-ahjar. U huma qalulu: "Il-bierah fis-seba' siegha telqu d-deni. "

Il-missier intebah li dak kien il-hin meta Gesu' qallu: 'Ibnek jghix.' U emmen hu u l-familja kollha tieghu. Dan kien sinjal iehor, it-tieni wiehed li ghamel Gesu' meta gie l-Galilija mill-Lhudija.

## RIFLESSJONI

Ahna ghandna nhossu l-bzonn li nersqu lejn Gesu' ghax minghajru ma nghaddux. Hekk hass da nil-bzonn l-ufficjal tas-sultan. Ikunu x'jkunu s-sagrificcji li ghandna naghmlu biex nersqu lejn dan it-tabib taghna spiritwali, qatt ma jkunu kbar bizzejjed ghall- hlas li nakkwistaw minghand Gesu' jisboq kull haga ohra. L-inkonvenjent li ghaddha minnu biex wasal hdejn Gesu' ma kienx xejn x'hin imqabbel mal-gid li akkwista minghand Gesu' – il-fejqan ta' ibnu.

Meta l-ufficjal resaq lejn Gesu' kien diga jemmen li Kristu seta' jopra l-fejqan ta' ibnu marid. U meta Kristu qallu li ibnu fieq, l-ufficjal mar lejn daru konvint li ibnu ma baqghax marid. Il-miraklu u l-fidi jimxu id f'id. Qatt ma jista' jsehh miraklu jekk ma hemmx fidi u jekk ma hemmx fidi qatt ma jista' jsehh miraklu.